MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2002

Numru 750/2000

**Illum 23 ta' Jannar 2002**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander P. Miruzzi)**

**vs**

**Saviour Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Saviour Sammut bin Abel u Doris nee' Sapiano imwieled fis-16 ta' Marzu, 1962 u residenti 20, Triq San Mikiel, Rabat, Malta, akkuzat li:

1. fil-15 ta' Settembru 2000 ghal habta ta' 7.45a.m. fil-limiti tal-Buskett waqt li kien ghal kacca kellu fil-pussess

tieghu senter tal-marka Luigi Franchi numru ta’ serje S28453 li kien ikkargat b’hames skratacc u dan bi ksur tal-A.L. 146/93;

2. bhala persuna li ghandu licenza biex izomm jew biex ikollu f’idejh jew fuqu armi tan-nar, naqas li jzomm din l-arma tan-nar fil-pussess tieghu waqt li kienet ikkargata u dan bi ksur tal-Kap 66 Art 8;

3. fl-istess data, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew hebb kontra membri tal-Pulizija li huma persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-eekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti bi ksur tal-Artikolu 96 u 98 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti hi mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzi tal-kacca u tal-armi ghal mhux inqas minn sena.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha u tigi deciza minn dina l-Qorti mhux opposta mill-imputat;

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat il-Qorti qeghdha issibu u tiddikjarah hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Ikkunsidrat ghal fini ta’ piena l-apologija tal-imputat, accettata mill-pulizija. Wara li rat l-Artikolu 9(2c), u 23 tal-Avviz Legali 146/93, l-Artikolu 8 tal-Kap 66 u l-Artikolu 96, 98 u 17 tal-Kap 9, tiddecidi li:

Tikkundannah multa ta’ Lm50 fir-rigward l-ewwel u t-tieni akkuza u tilliberah mit-tielet bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9

tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur millum.

---------------------------------TMIEM---------------------------------